# Approvazzjoni u operat ta' impjanti ta' inċinerazzjoni li jirċievu l-ABP

**Kontenut**

- Introduzzjoni
- Applikazzjoni għall-Approvazzjoni biex Jinħarqu Karkassi tal-Annimali/Partijiet minn Karkassi jew ABP
- Konferma tal-kundizzjonijiet tal-operat – dikjarazzjoni tal-manifattur
- Lokazzjoni tal-Inċineratur
- Kundizzjonijiet Ġenerali
- Operat
- Gwida Addizzjonali fuq l-Inċineraturi b'Kapaċità Baxxa
- Gwida Addizzjonali fuq l-Inċineraturi b'Kapaċità Għolja
- Irmied li ġej minn annimali domestiċi

**Introduzzjoni**

Il-leġislazzjoni relevanti tal-UE dwar l-ABP hija:

- Regolament **1069/2009** hawn 'il quddiem imsemmi "Regolament ta' Kontroll".
- L-Implimentazzjoni ta' Regolament **142/2011** hawn 'il quddiem imsmmi r-"Regolament ta' Implimentazzjoni".

Inċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-annimali għandha ssir f'impjant approvat. Dan jista' jkollu bżonn approvazzjoni skont id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emmissjonijiet industrijali (prevenzjoni u kuntroll ta' tniġġis integrat). Jekk jinħarqu aktar minn 1 tunnellata fis-siegħa jew f'impjant jinħarqu anqas minn tunnella fis-siegħa iżda aktar minn 10 tunnellati kuljum, l-approvazzjoni toħroġ mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali. Prodotti ġejjin minn prodotti sekondarji tal-annimali jistgħu jkunu soġġetti għar-rekwiżiti tad-WID. Għal aktar kjarifika ikkuntattja lid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali fuq 22925372/76.

Din il-gwida hija bbażata fuq ir-Regolamenti tal-UE dwar l-ABP u l-leġislazzjoni korrispondenti tagħha; hija applikabbli b'mod speċifiku għall-approvazzjoni ta' impjanti ta' inċinerazzjoni mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

Jekk jogħġbok kun infurmat, li jistgħu jkunu rekwiżiti kompjaċenzi regolatorji oħra flimkien mal-approvazzjoni mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

**Applikazzjoni għall-Approvazzjoni ta' Inċinerazzjoni ta' Karkassi tal-Annimali jew Partijiet minn Karkassi**

Inċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji ma tistax tibda sakemm tinħareġ approvazzjoni mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali.

Biex wieħed ikun irreġistrat, għandu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, Triq il-Biċċerija, Albertown Marsa fuq 22925372/76**,** jew jibgħat email fuq abpsection.mafa@gov.mt Tista' wkoll tikseb formola ta' applikazzjoni għan-negozju tiegħek billi tibgħat talba lill-istess indirizz elettroniku. Applikazzjonijiet jistgħu jgħaddu għall-approvazzjoni bħala Kapaċità Baxxa (anqas minn 50kg/siegħa) jew Kapaċità Għolja (aktar minn 50kg/siegħa).

Importanti li t-tħaddim ta' aktar minn inċineratur wieħed fuq l-istess sit li jipprovdi throughput potenzjali ta' aktar minn 50kg/siegħa jpoġġi lill-impjant biex jiġi kkunsidrat bħala wieħed ta' Kapaċità Għolja.

Biex tinħareġ l-approvazzjoni huwa meħtieġ li kemm l-inċineratur kif ukoll is-sit fejn jinsab ikunu kompjaċenti mal-leġislazzjoni.

Applikazzjoni tista' tiġi riveduta mill-uffiċjal tad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali li jifforma opinjoni fuq jekk l-istruttura, l-operat u ż-żamma tar-rekords mill-impjant humiex kompjaċenti mal-leġislazzjoni. Jekk ma tkunx teħtieġ aktar informazzoni, issir spezzjoni bħala xhieda l-operat huwa kompjaċneti qabel tkun tista' tinħareġ l-approvazzjoni.

**Konferma ta' kundizzjonijiet ta' operat – dikjarazzjoni tal-manifattur**

Anness III Taqsima 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 142/2011 jistipula li:

- Impjanti ta' inċinerazzjoni jew ko-inċinerazzjoni għandhom jiġu ddisinjati, mgħammra, mibnija u operati b'tali mod li l-gass li jirriżulta mill-proċess jinżamm b'mod ikkontrollat u omoġenju, anke jekk il-kundizzjonijiet ma jkunux mill-aktar favorevoli, għal temperatura ta' **850ºC għal minn tal-anqas żewġ sekondi** jew għal temperatura ta' **1100ºC għal 0.2 sekondi,** hekk kif imkejla fuq il-ħajt fuq ġewwa jew punt ieħor rappreżentattiv tal-kamra fejn issir l-inċinerazzjoni jew il-ko-inċinerazzjoni, kif awtorizzat mill-awtorità kompetenti.

Kundizzjonijiet ta' operat jkunu ġew ivverifikati minn qabel mid-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali permezz tas-sistema 'Tip ta' Approvazzjoni'. Madankollu, dan ir-rekwiżit jista' issa jiġi mibdul b'dikjarazzjoni ta' kompjaċenza maħruġa mill-manifatturi tal-inċineratur. Il-manifattur għandu jikkonferma li l-għamla u l-mudell tal-inċineratur jilħaq jew it-850ºC għal żewġ sekondi jew l-1100ºC għal 0.2 sekondi standard. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika s-settings operattivi li bihom għnadu jaħdem l-inċineratur biex ikun kompjaċenti.

Id-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali mhux ser iżomm lista ta' inċineraturi li għalihom teżisti dikjarazzjoni u hija r-responsabbiltà tal-manifattur individwali biex jagħmel id-dikjarazzjoni aċċessibli għall-operatur li min-naħa tiegħu għandu jagħmel din aċċessibli għad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali fiż-żmien tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni jew spezzjoni sussegwenti.

**Lokazzjoni tal-Inċineratur**

Jekk fuq sit li għandu l-bhejjem, jinħarqu prodotti sekondarji mill-istess bhejjem, għandu jkun hemm separazzjoni fiżika u operattiva bil-għan li l-bhejjem ma jkunx jista' jkollhom aċċess għall-

inċineratur u ma jkunx hemm riskju ta' trasferiment passiv ta' prodotti sekondarji fuq il-bhejjem mill-persunal jew it-tagħmir. Dan jirrikjedi tagħmir u lbies speċjalizzat biex jintuża meta jitħaddem l-inċineratur jew tindif jew diżinfezzjoni qabel l-użu aaoċjat mal-istokk.

Jekk l-inċineratur ser jintuża biex jaħraq prodotti sekondarji minn siti oħra dan għandu jkun lokalizzat fuq sit li m'għandux bhejjem. Biex lokazzjoni tiġi kkonsidrata bħala sit separat għandu minn tal-anqas ikollha konfini siguri u daħla speċifika b'tali mod li ma tagħmilx parti mis-sit fejn hemm il-bhejjem.

Jista' jkun ukoll possibli li jiġi approvat l-użu ta' inċineratur mobbli f'lokazzjonijiet speċifiċi li min-naħa tagħhom jilħqu r-rekwiżiti regolatorji ta' approvazzjoni mitluba għal inċineratur statiku. F'dawn il-każijiet jkun hemm kundizzjoni dwar proċedura mifthema minn qabel b'rabta mat-tindif u d-diżinfezzjoni ta' kull tagħmir mobbli qabel il-moviment għal lokazzjoni ġdida li għandha tiġi osservata qabel il-ħruġ tal-approvazzjoni.

## Kundizzjonijiet Ġenerali

Jekk l-inċinerazzjoni ma ssirx immedjatament mal-wasla tal-prodotti sekondarji mill-annimali fl-impjant, dawn għandhom jinħażnu **f'kontenituri identifikati li jkunu mgħottija u mingħajr biża' ta' ħruġ ta' likwidu jew gass minnhom.**

Wara l-wasla fl-impjant, prodotti sekondarji mill-annimali għandhom jintremew mingħajr telf ta' żmien. M'hemmx ammont ta' żmien speċifiku fi ħdan il-leġislazzjoni u fatturi bħall-kwantità u l-kundizzjonijiet tat-temp jistgħu jkunu relevanti biex jiġi determinat dan il-perjodu, madanakollu huwa mistenni li dawn ma jinħażnux għal aktar minn 7 ijiem.

L-inċineratur għandu jitpoġġa fuq art li tista' tkun tagħti dirett jew ixxaqleb lejn id-drenaġġ. F'żona diretta, il-fluwidu jista' jiġi assorbit u wara maħruq. Iż-żona mxarrba għandha tipprovdi spazju biżżejjed għat-tindif u d-diżinfezzjoni ta' kontenituri jew vetturi skont kif meħtieġ mill-impjant inkwistjoni.

Ilma mormi, riżultat ta' impjant li jitratta materjal speċifiku ta' riskju ta' kategorija 1 għandu jgħaddi minn trattament preliminarju minn għarbiel ta' 6mm qabel joħroġ mis-sit. Materjal solidu rkuprat mill-għarbiel għandu jinħaraq.

Proċeduri ta' tindif u kontroll tal-pesti għandhom ikunu mdaħħla fis-seħħ u dokumentati.

Il-persunal għandu jkollu aċċess għal sinkijiet, toilets u post fejn ibiddlu.

Prodotti sekondarji li ma jkunux inħarqu b'mod komplet għandhom jinħarqu mill-ġdid jew inkella jintremew skont ir-Regolamenti.

Prodotti sekondarji maħruqa kompletament li minnhom jibqa' biss l-irmied jistgħu jintremew f'miżbla.

It-tħaddim tal-impjant għandu jimmitiga kull tip ta' riskju kemm għas-saħħa tal-annimali kif ukoll tal-pubbliku.

Għandu jkun hemm pjan ta' kontinġenza għar-rimi ta' prodotti sekondarji f'każ ta' ħsara jew tkissir tal-impjant.

Operat

L-approvazzjoni hija soġġetta għall-fatt li f'kull ħin, il-kundizzjonijiet tal-operat ikunu skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, liema kopja tagħhom għandha tkun aċċessibli fl-impjnt.

Inċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji ma tistax issir jekk il-gass tal-egżost ma jinżammx f'minimu ta' 850ºC għal żewġ sekondi jew għal 1100ºC għal 0.2 sekondi. B'inċineraturi ta' 850ºC/2 sekondi normalment dan jinkiseb billi tintuża kamra sekondarja biex iżżomm il-gass għaż-2 sekondi meħtieġa. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-gass f'din il-kamra jkun fit-temperatura mitluba qabel tibda l-inċinerazzjoni tal-prodotti sekondarji.

Fejn il-funzjoni tal-kamra għall-inċinerazzjoni primarja u dik sekondarja huma magħquda, b'tali mod li dik primarja ma tixgħelx sakemm dik sekondarja ma tkunx laħqet it-850°C, imbagħad il-kamra primarja tkun tista' timtela kiesħa madanakollu jekk il-funzjoni taż-żewġ kmamar mhiex magħquda il-kamra primarja għandha timtela meta sħuna.

Il-mili tal-kamra waqt li sħuna jista' jikkawża riskji ta' saħħa u sigurtà, iżda d-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali ma jistax japprova impjant jekk l-inċinerazzjoni ta' prodotti sekondarji tagħti riżultat ta' gass tal-egżost ta' anqas minn 850°C. L-applikanti għandhom jirreferu għall-manifattur għal gwida definittiva fuq it-tħaddim sigur tal-inċineratur.

Waqt it-tħaddim it-temperaturi tal-kmamar (kemm kamra singola jew kamra sekondarja) għandhom jiġu rrekordjati jew b'mod awtomatiku permezz taċ-ċiklu tal-ħruq jew manwalment kull sagħtejn għal 10% tal-inċinerazzjonijiet.

L-inċineratur għandu jingħata servis kull sena mill-manifattur, jew persuna oħra kompetenti, li tista' tipprovdi konferma bil-miktub li dan jista' jkompli jopera skont l-istandards tal-manifattur.

### Gwida Addizzjonali għal Inċineraturi ta' Kapaċità Baxxa

Meta jintużaw biex jinħarqu materjali ta' riskju speċifiku tat-tip ta' kategorija 1, inċineraturi ta' kapaċità baxxa għandhom ikunu mgħammra b'kamra sekondarja. Meta jintuża biex jinħarqu prodotti sekondarji oħra il-kamra sekondarja mhux meħtieġa, madanakollu għandha tkun aċċessibli dikjarazzjoni tal-manifattur biex tassigura li r-rekwiżiti tal-ħin u t-temperatura jintlaħqu.

Karkassi li jkun fihom materjal ta' riskju speċifikat għandhom jiġu maħruqa sħaħ sakemm ma jkunux tqattgħu f'impjant li huwa approvat għal dak l-iskop.

### Gwida Addizzjonali għal Inċineraturi ta' Kapaċità Għolja

L-applikant għandu jipproduċi verifikazzjoni indipendenti tat-temperatura ta' gass tal-egżost meħtieġa u ħin ta' ritenzjoni. L-inċineraturi kollha ta' kapaċità għolja għandhom ikunu mgħammra b'kamra sekondarja li taqleb b'mod awtomatiku jekk it-temperatura tal-gass taqa' taħt it-850°C jew l-1100°C kif meħtieġ. Għandu jkun hemm sistema awtomatika li tipprevjeni l-introduzzjoni ta' materjal li għandu jinħaraq ġewwa l-kamra primarja fi kwalunkwe ħin li t-tieni temperatura tkun taħt it-850°C jew l-1100°C kif meħtieġ. Gagazza u rmied tal-qiegħ għandhom ikunu inqas minn 3% Total ta' Karbonju Organiku jew anqas minn 5% ta' telf mat-tqabbid. Minn tal-anqas wieħed minn dawn it-testijiet għandu jsir kull sena bir-riżultati kompjaċenti. Miżuri ta' kontroll għandhom jassiguraw li l-fluwidu kontaminat ma jixteridx mal-impjant u l-kapaċità ta' ħażna għandha tkun aċċessibli li żżomm dan it-tali fluwidu qabel imur f'ħażna sigura.

### Irmied li ġej minn annimali domestiċi

Irmied li ġej mill-inċinerazzjoni ta' annimali domestiċi (e.ż. f'postijiet ta' kremazzjoni tal-annimali domestiċi), jista' jingħata lura lis-sid tal-annimal. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni ABP jgħid li annimali m'għandhomx ikollhom aċċess għal irmied li jirriżulta mill-inċinerazzjoni jew il-ko-inċinerazzjoni ta' ABPs. Għaldaqstant, huwa importanti li s-sidien tal-annimali domestiċi li jagħżlu li jifirxu l-irmied għandhom jagħmlu dan b'tali mod li annimali oħra ma jistgħux ikollhom aċċess għalih i.e.: mhux fuq art fejn jirgħu l-annimali.